# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 2630/97mm**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Charles Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-korporazzjoni attrici fit-18 ta' Dicembru 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u sittin lira u wiehed u disghin centezmu (Lm568.91c) rapprezentanti danni sofferti mill-korporazzjoni attrici bhala konsegwenza ta' hsarat kawzati mill-konvenut fuq proprjeta' ta' l-istess korporazzjoni attrici f'Triq l-Istamnar, Qawra fis-6 t'Awissu 1996, liema hsarat graw unikament minhabba mperizja u traskuragni da parte ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 t'Awissu 1997 u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux assolutament minnu illi l-hsara lamentata mill-ente attrici ma sehhet bl-ebda mod b'rizultat ta' xi mperizja jew traskuragni attribwibbli lill-eccipjenti;

2. Illi effettivament kif jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-hsarat *de quo* sehhew bhala rizultat dirett ta' istruzzjonijiet u direzzjonijiet zbaljati li kienu nghataw minn ufficjali tal-istess korporazzjoni;

3. Illi ghaldaqstant din il-karenza lampanti ta' ndikazzjonijiet zbaljati wasslet ghall-allegati hsarat, filwaqt li pperikolat b'mod car u manifest il-haddiema tal-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi Charles Galea huwa kuntrattur imqabbad mill-*Water Works Corporation* sabiex jaghmel trinek f'diversi triqat tal-Qawra, sabiex minn hemmhekk jghaddu *mains* godda ta' l-ilma. Waqt illi kien qed isir dan ix-xoghol, intlaqtu diversi *cables* tal-Korporazzjoni Enemalta.

Din il-kawza tikkoncerna *cable* li ntlaqat vicin is-*substation* illi hemm il-Qawra, fil-kantuniera bejn Triq l-Istamnar u Triq it-Tamar. L-incident gara fis-6 t'Awissu 1996 ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30a.m.).

Irrizulta mill-provi illi Mario Sultana u Carmelo Pace, zewg impjegati tal-korporazzjoni attrici, kienu sejrin lejn dan is-*substation* meta ndunaw li vicin taghha kien qed isir thaffir ta' xi trinek. Kien hemm l-impjegati tal-konvenut illi huma gharfu peress illi kienu rawhom jahdmu band'ohra ghall-istess kuntrattur. Meta z-zewg impjegati avvicinaw il-haddiema u qalulhom li hemmhekk hemm *cable* ta' l-Enemalta, dawna qalulhom illi kienu jafu b'dan peress illi dan il-*cable* kienu diga laqtuh. Dawn iz-zewg xhieda, Sultana u Pace kkonfermaw illi kien hemm hsara f'dan il-*cable* u rrapportaw lill-Pulizija. Sar rapport mill-Ispettur Ray D'Anastas illi kopja tieghu hemm esebita f'dawn l-atti a fol 7. Skond dan ir-rapport il-konvenut Galea ma kienx qieghed jaccetta li jaghmel tajjeb ghall-hsarat subiti. Mid-dokumenti illi gew esibiti irrizulta li l-korporazzjoni sofriet hsara fl-ammont ta' hames mija u tmienja u sittin lira u wiehed u disghin centezmu (Lm568.91c) [ara fol 8].

Ikkunsidrat:

Illi kif is-soltu jsir f'dawn ic-cirkostanzi, l-ebda kuntrattur ma jista jibda jhaffer fit-triqat qabel ma l-ewwel jottjeni l-*clearance* jew permess minghand id-diversi dipartimenti u korporazzjonijiet. Wahda minn dawn il-korporazzjonijiet hija dik ta' l-Enemalta illi ghandha d-dritt tkun taf fejn qed isir it-thaffir halli tipprotegi l-interessi u l-proprjeta' taghha.

Mario Sultana u Carmelo Pace jinnegaw illi qatt saret xi applikazzjoni ghall-permess minn naha tal-konvenut, anzi Carmelo Pace a fol 20 huwa kategoriku meta jghid illi f'dan il-kaz zgur illi ma kienx hemm talba ghal permess minn naha tal-konvenut. L-istess ighid Mario Sultana fejn jirreferi ghal diversi kwistjonijiet li l-Enemalta kellha mal-konvenut waqt li kien qed isir dan ix-xoghol. L-istess konvenut ighid illi ntlaqtu diversi *cables* waqt dan it-thaffir izda hu dejjem talab u ottjena l-permessi necessarji. A fol 29 jghid illi kien sejjer jesebixxi kopja ta' l-applikazzjonijiet li ghamel kif ukoll kopja tal-fax li huwa baghat lil Enemalta fejn infurmahhom li huwa sejjer jibda x-xoghol. Il-Qorti tirrileva pero' illi dawn id-dokumenti baqghu mhux esebiti u l-Qorti trid toqghod biss fuq dak illi qal il-konvenut u z-zewg xhieda Mario Sultana u Carmelo Pace.

Il-konvenut jidher li huwa midhla sew ta' dawn ix-xogholijiet u ma tax l-impressjoni lil Qorti ta' serjeta' ghal dik li hija amministrazzjoni u organizzazzjoni tax-xoghol tieghu. Minkejja illi huwa gie avzat diversi drabi illi fejn ikun hemm il-*cables* jew inkella *substations,* huwa ma juzax ingenji, jidher li ma tax kaz wisq ta' din it-twissija u baqa jhaffer fejn u kif irid. Anke l-

haddiema tieghu ma tantx jidhru li huma nies responsabbli peress illi minkejja illi kienu laqtu dan il-*cable* ma ghamlux rapport ta' dan u qaghdu jistennew il-prezenza ta' l-impjegati ta' l-Enemalta sabiex jikkonfermaw b'certa leggerezza illi huma diga kienu jafu illi kien hemm *cable* ghax laqtuh. Ovvjament din hija sitwazzjoni illi tirrifletti negligenza kbira kemm da parti tal-konvenut, kif ukoll da parti tal-haddiema tieghu. Il-Korporazzjoni Enemalta hija l-vittma f'dan il-kaz u ghandha dritt tipprotegi l-interessi u proprjeta' taghha minn atti ta' negligenza u traskuragni ta' terzi. Ma hemmx dubbju illi f'dan il-kaz il-konvenut wera kemm traskuragni kif ukoll negligenza meta qabad u haffer minghajr ma ottjena l-permessi necessarji, ghalhekk ta' dan ghandu jkun responsabbli.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Anthony Ventura noe vs Raymond Galea deciza fil-31 ta' Lulju 1997 il-Qorti kienet qalet illi kemm is-sid u kemm il-kuntrattur kienu responsabbli sabiex jottjenu l-permessi kollha relattivi u jiehdu l-mizuri kollha sabiex jassiguraw illi l-cables ta' l-Enemalta ma jigux danneggjati waqt li qed isir xoghol ta' skavar.

Irrizulta f'dan il-kaz illi mhux talli l-konvenut u haddiema tieghu ma ottjenewx il-permessi relattivi, talli dawna ma hadu l-ebda mizura sabiex jassiguraw illi l-cables ta' l-Enemalta ma jigux danneggjati. Il-Qorti ghalhekk tikkonsidra dawn id-danni reklamati mill-Korporazzjoni Enemalta bhala rizultanti ta att negligenti u traskurat da parti tal-konvenut li ghalihom ghalhekk ghandu jwiegeb skond kif mitlub fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-korporazzjoni attrici. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-istess korporazzjoni attrici l-ammont ta' hames mija u tmienja u sittin lira u wiehed u disghin centezmu (Lm568.91c) rapprezentanti danni sofferti mill-korporazzjoni attrici bhala konsegwenza ta' hsarat kawzati minnu fuq proprjeta' ta' l-istess korporazzjoni fi Triq l-Istamnar, Qawra fis-6 t'Awissu 1996, liema hsarat graw unikament minhabba mperizja u traskuragni da parte ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg